MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 114/2012/1

**Ġanni Attard**
***v.***
**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto Sanitary Regulation**

1. Dan huwa appell tal-attur minn provvediment mogħti fl-14 ta' Frar 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali li ċaħdet talba tiegħu biex titneħħa mill-inkartament it-tweġiba maħlufa tal-konvenut għar-raġuni illi ma kinitx preżentata minn waħda mill-persuni msemmija fl-art. 180(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. IL-fatti relevanti huma dawn: l-attur fetaħ kawża b'rikors maħluf kontra l-konvenut direttur ġenerali ta'

dipartiment tal-gvern. Il-konvenut kien notifikat bir-rikors fi-12 ta' Diċembru 2012, u fil-31 ta' Diċembru 2012 ġiet preżentata tweġiba maħlufa. It-timbri juru illi t-tweġiba ġiet maħlufa minn Dr Anthony Gruppetta, id-direttur ġenerali nnifsu, u ġiet preżentata mill-Avukat Nadya Bezzina Fiott, li wkoll iffirmat ir-rikors bħala avukat flimkien mal-Prokuratur Legali Heidi Testa.

3. Fl-ewwel dehra quddiem il-qorti, li seħħet fid-9 ta' Jannar 2013, l-attur ivverbalizza hekk:

"… ir-risposta ġuramentata tal-konvenut hija irrita u nulla *stante* li ma ġietx preżentata minn xi waħda mill-persuni indikati fl-artikolu 180 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement qed jintalab l-isfilz tagħha."

4. Il-konvenut wieġeb fil-15 ta' Jananr 2013 u l-attur irreplika fl-1 ta' Frar 2013. Bil-provvediment li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talba wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Illi l-attur jirreferi għall-artikoli 50(2) u 53 tal-Kap 12. L-artikolu 50(2) jipprovdi li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha żewġ attribuzzjonijiet – waħda Inferjuri u l-ohra Superjuri. Imbagħad l-artikolu 53 testwalment jistipula li:

""Għal dawk li huma kawżi li jidhlu fil-kompetenza superjuri tal-Qrati tal-Magistrati (Għawdex), jgħoddu d-disposizzjonijiet dwar il-qrati superjuri.""

"Tajjeb li jiġi nnutat li dawn l-imsemmija artikoli jinsabu fit-Titolu III intitolat *Fuq il-Qrati Inferjuri*. Illi insibu wkoll mal-artikolu 4(*b*) tal-Kap 12 li jipprovdi li

""Il-qrati inferjuri huma:

""(*a*) il-Qorti tal-Magistrati (Malta), għall-Gzira ta' Malta;

""(*b*) il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), għall-Gzejjer ta' Għawdex u Kemmuna'.

"Illi l-istess artikolu 180 tal-Kap. 12 insibuh taħt it-Titolu IV intitolat *Disposizzjonijiet li jgħoddu għall-Iskritturi u għall-Atti oħra tal-Proċedura*. Illi dan l-artikolu jgħid, fost l-oħrajn, min huma dawk il-persuni li jistgħu jippreżentaw atti fil-qorti. Dawn jinkludu (i) lill-parti nnifisha li tidher f'isimha jew kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor; (ii) prokuratur legali; (iii) soċju ta' ditta kummerċjali; (iv) mandatarju speċjali ta' qarib tiegħu f'xi wiehed mill-gradi msemmija f'dak l-artikolu; (v) persuna li hija parti f'kawża ma' ħaddieħor; u, fil-każ ta' qrati partikolari, (vi) avukat. Il-liġi trid li jekk l-att ikun rikors ġuramentat

imressaq fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri jew fir-Reġistru ta' din il-qorti minn kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, ikun biżżejjed li tissemma l-kariga tal-persuna li tkun qiegħda tressaq dak l-att mingħajr il-ħtieġa li tissemma b'isimha.
"Illi fl-artikolu 180(1)(*f*) tal-Kap. 12 il-liġi b'mod speċifiku tgħid li l-preżentata tal-iskritturi tista' ssir 'minn avukat, jekk l-iskrittura għandha tiġi preżentata f'waħda mill-qrati inferjuri'.
"Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha wkoll attribuzzjoni superjuri dan ma jneħħi xejn mill-fatt li din il-qorti hija qorti inferjuri. Il-fatt li għandha attribuzzjoni superjuri xorta waħda tibqa' qorti inferjuri. Il-liġi madankollu tipprovdi li fil-kompetenza superjuri tagħha għandhom jiġu osservati d-disposizzjonijiet dwar il-qrati superjuri. Issa l-artikolu 180 tal-Kap. 12 huwa artikolu li japplika kemm għall-qrati superjuri kif ukoll dawk inferjuri.
"Illi stabbilit dan l-attur ma jsemmix taħt liema artikolu qiegħed jinvoka n-nullità iżda wieħed jifhem li qiegħed isejjes l-argument tiegħu fuq l-artikolu 789(1) tal-Kap 12. …
"Illi minn qari ta' dan l-artikolu minnufih jingħad li hawn *non si tratta* ta' att li ħareġ minn qorti li mhiex kompetenti.
"Illi jirriżulta mill-atti li r-risposta ġuramentata ġiet debitament maħlufa u hija wkoll iffirmata minn avukat u prokuratur legali.
"Referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qrati *vs* Joseph Muscat[1] fejn ingħad:
""Illi kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullità mtellgħa taħt il-paragrafu (*ċ*) u dik taħt il-paragrafu (*d*) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtiega mil-liġi, u mhux 'sempliċi' ksur tal-forma preskritta;
""…
""… f'ċirkostanzi bħal dawn ma jidher li mkien fil-liġi ma tinsab komminata espressament in-nullità tal-att minħabba n-nullità tal-preżentata, għaliex id-difett tal-preżentata ma jistax jirrendi l-att nieqes minn xi partikolarità sostanzjali preskritta mil-ligi. Il-kelma

[1] P.A. 1 ta' April 2003.

'partikolarità' kif użata fl-artikolu 789(1)(*d*) tirreferi għall-kontenut tal-att (taċ-ċitazzjoni) bħalma huma l-kawżali, l-oġġett, u dawk l-elementi essenzjali kollha li l-liġi tippreskrivi. Kien għalhekk li n-nullità tal-preżentata ġiet imfissra bħala 'nullità virtwali', kif kontrapposta għan-'nullità essenzjali' msemmija fil-liġi."

"Illi din il-qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament partikolarment għaliex fejn il-liġi riedet tgħid espressament li xi nuqqas iwassal għal nullità dan qalitu espressament. F'dan il-każ ma qalitux. Għalhekk ir- risposta ġuramentata hekk kif preżentata mhix irrita u nulla u ma għandhiex tiġi sfilzata."

5. Wara li ngħata l-fakoltà jagħmel hekk kif tird il-liġi, l-attur apppella b'rikors tas-6 ta' Marzu 2013. L-aggravju tiegħu fissru hekk:

"Ir-risposta ġuramentata għal din il-kawża ġiet intavolata fil-31 ta' Diċembru 2012 u ġiet preżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Sezzjoni Ġenerali mill-Avukat Dottor Nadya Bezzina Fiott. L-avukat tal-parti (f'dan il-każ Dottor Nadya Bezzina Fiott) ma huwiex wieħed mill-persuni elenkati tassattivament fl-artikolu 180(1) tal-Kap. tnax tal-liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Avukat Bezzina Fiott ma kellha l-ebda jedd illi tippreżenta dak l-att ġudizzjarju.

"Illi l-ewwel onorabbli qorti ma tatx raġunijiet validi għalfejn għażlet illi tikkonsidra l-att bħala wieħed validu. L-unika raġuni illi tat fl-aħħar paragrafu … tad-digriet tagħha huwa li 'fejn il-liġi riedet tgħid espressament li xi nuqqas iwassal għal nullità dan qalitu espressament. F'dan il-każ ma qalitux'. Illi l-esponenti ma jaqbilx ma' dan ir-raġunar. Bl-istess argument kieku l-liġi riedet li avukat ikun jista' jippreżenta l-atti ġudizzjarji dan kienet tgħidu espressament bħal ma qalitu fil-każ tal-qrati inferjuri fejn fl-artikolu 180(1) paragrafu (*f*) ippermettiet avukat jippreżenta atti fil-qrati inferjuri u f'appelli minn dawk il-qrati. Min-naħa l-oħra l-anqas huwa korretti li jingħad illi il-liġi toqgħod tgħid espressament każ b'każ x'inhu null u mhux jew aħjar x'inhu validu u mhux.

"Dak li jrid jinżamm ċar f'dan il-każ huwa illi din ma hijiex istanza ta' nullità fil-forma iżda hija istanza fejn vot tal-liġi ma ġiex osservat. Dan ma huwiex każ ta' żball li jista' jiġi korrett għaliex wieħed ma jistax ireġġa' l-arloġġ lura u

jikkorreġi l-preżentata tal-att li ġie preżentat minn persuna erronja.

"Bl-argumant tal-ewwel qorti ċerta artikoli tal-proċedura jistgħu jiġu skartati qishom *pro non scripta* [*recte*, *scriptis*]. Fil-każ odjern ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-liġi li tista' issewwi dik in-nullità. L-unika artikolu fil-liġi li jittratta korrezzjonijiet ta' żbalji huwa l-artikolu 175 tal-Kap. 12 iżda għal darba oħra dan jittratta dwar żbalji fl-att innifsu u mhux fil-proċedura li għandha tiġi segwita. …

"Jidher biċ-ċar illi dan l-artikolu ma jindirizzax difetti procedurali bħal dak odjern; u r-raġuni hija waħda ċara illi ma hemmx mod kif tali nuqqas jista' jiġi sanat. Kien għalhekk illi l-ksur ta' dan l-artikolu fil-kawża fuq ċitata ġie punit bis-sanzjoni estrema tan-nullità.

"Il-każ odjern jassimilja ruħu għal każ fejn terminu legali ma jiġix osservat. Ġaladarba dak it-terminu joħroġ mil-liġi (bħal per eżempju terminu għal preżentata ta' appell) il-qorti la tista' tirranġa dik in-non-osservanza tiegħu u wisq anqas tiskarta l-istess terminu.

"Illi ġaladarba dak l-att ġie preżentat minn avukat li ma hux intitolat jippreżenta atti l-uniku rimedju huwa illi dak l-att jiġi meqjus invalidu u qisu qatt ma ġie preżentat.

"Illi għalkemm huwa aċċettabbli li jingħad illi l-bixra tal-qrati nostrani kienet illi permezz ta' korrezzjonijiet opportuni jsewwu żbali li *altrimenti* jistgħu jimportaw in-nullità, l-iżball *ossia* l-irregolarità odjerna ma hijiex waħda li tippermetti korrezzjoni. *stante* illi teżisti l-impossibilità tal-istess u kwindi l-konsegwenza għandha tkun in-nullità tal-att."

6. Il-konvenut wieġeb fit-12 ta' Marzu 2013 u fisser għala fil-fehma tiegħu l-appell għandu jiġi miċħud.

7. Qabel ma tqis jekk is-sanzjoni għandhiex tkun in-nullità jew le, il-qorti loġikament għandha tqis jekk hemmx difett fil-preżentata, għax huwa biss jekk issib illi hemm dak id-difett illi għandha mbagħad tara x'għandhom ikunu l-konsegwenzi.

8. L-artikoli tal-liġi relevanti huma l-art. 4, li jgħid illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) hija qorti inferjuri, l-art. 50(2), li jgħid illi dik il-qorti għandha żewġ attribuzzjonijiet, waħda inferjuri u waħda superjuri, l-art. 53, li jgħid illi "għal dawk li huma kawżi li jidħlu fil-kompetenza superjuri tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), jgħoddu d-disposizzjonijiet

dwar il-qrati superjuri" u l-art. 180(1)(*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid illi "l-preżentata tal-iskritturi tista' ssir … minn avukat, jekk l-iskrittura għandha tiġi ppreżentata f'waħda mill-qrati inferjuri".

9. L-argument tal-attur huwa msejjes x'aktarx fuq l-art. 53: jgħid l-attur illi fost id-disposizzjonijiet dwar il-qrati superjuri li jgħoddu għall-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) hemm dik tal-art. 180(1)(*f*) illi jgħid illi l-preżentata tista' ssir minn avukat quddiem il-qrati inferjuri; *a contrario*, mela, il-preżentata ma tistax issir minn avukat quddiem il-qrati superjuri illi d-disposizzjonijiet dwarhom jgħoddu għall-qorti ta' Għawdex.

10. L-art. 53 iżda ma jgħidx illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fl-attribuzzjoni superjuri tagħha titqies, għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi, bħala qorti superjuri; jgħid biss illi jgħoddu għaliha d-disposizzjonijiet dwar il-qrati superjuri. Madankollu, xorta tibqa' qorti inferjuri, u, bħala qorti inferjuri, tibqa' qorti illi quddiemha l-preżentata tal-iskritturi tista' validament issir ukoll minn avukat.

11. Fil-każ tallum għalhekk ma kien hemm ebda "difett fil-preżentata" billi r-rikors maħluf ġie preżentat minn avukat; għalhekk, la tqum il-kwistjoni jekk dak li sar hux "sanabbli" u lanqas jekk il-konsegwenza għandhiex tkun in-nullità.

12. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa miċħud. L-ispejjeż tal-appell iħallashom l-attur appellant.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------